**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 7 TA' MEJJU, 2002

Numru: 13

Avviz Nru: 81/02 AE

**Thomas Smith Insurance Agency Ltd bhala agenti tas-socjeta estera SIAT SpA kif surrogat fid-dritt tal-assigurat taghhom Marcel Buri**

**Vs**

**Mario Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltija u disghajn centezmu (Lm223.90), hlas li ghamlet is-socjeta attrici lill-assigurat taghha ghad-danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta' Ottubru 2000 bejn Ford Transit (numru HMY

197) u Hyundai Accent (numru LDK 441), u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut (fol. 8) li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-akkadut.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fis-26 ta' Ottubru 2000 sehh incident tat-traffiku f'Mdina Road, Qormi. Il-konvenut kien qieghed isuq Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni HMY 197 filwaqt li Andri Buri kien qieghed isuq Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni LDK 441.

2. Huwa maghurf li *"f'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-*konvenut *irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-*

*attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu”* (**Noel Mallia noe vs Alphonse Anastasi et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru 1996). Fil-kawza fl-ismijiet **E. Zammit vs E. Petrococchino** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-25 ta’ Frar 1952 inghad: *“il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu ifittex u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet”*.

3. Mill-provi rrizulta li fit-triq fejn sehh l-incident kien hemm xogholijiet qeghdin isiru fil-karreggjata ta’ gewwa. L-uniku verzjoni moghtija mis-sewwieq tal-Hyundai Accent insibuha fl-okkorrenza li ghamel l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz fejn jinghad: *“I was going straight and the other vehicle came from my left hand side and crossed on to the right. I didn’t notice any indicators on. After the crash I drove the vehicle a bit on the strip because of the traffic”*. Verzjoni li l-ufficjal tal-pulizija kkonferma li kienet inghatat lilum minn Marcel Buri.

4. Wara li semgha l-provi li tressqu u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-lokalita ta’ l-incident, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-

verzjoni moghtija mis-sewwieq tal-vettura Hyundai Accent hija iktar verosimili. Il-hsara fil-vetturi tindika bic-cjar li dan huwa kaz ta' bdil ta' direzzjoni min-naha tal-konvenut. Il-vann Ford Transit (numru HMY 197) kellu hsara fil-mudguard ta' wara, filwaqt li l-Hyundai Accent (numru LDK 441) kellha hsara fuq il-mudguard ta' quddiem tan-naha tax-xellug (ara ritratt a fol. 25). Kieku fil-hin ta' l-incident il-konvenut kien qieghed isuq fil-karreggjata ta' barra, il-hsarat fil-vetturi ma kienux ikunu dawk indikati fl-okkorrenza u fl-iskizz li ghamel l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz. Ta' rilevanza wkoll huwa dak li xehed il-pulizija: *"Iktar l-isfel minn fejn sehh l-incident it-triq kienet imharrbta kollha, pero' fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident ma kienitx imharrbta"*.

5. Regola kardinali ta' *lane discipline* hija dik li fil-passagg minn lane ghall-iehor is-sewwieq m'ghandux jikkaguna xi inkonvenjent jew periklu ghall-vetturi ohra. Huma principji stabbiliti li:

- Qabel ma tbiddel id-direzzjoni ghandek tnaqqas il-velocita u thares mill-mera sabiex tara' huwiex gej traffiku minn warajk (haga li l-konvenut ma jirrizultax li ghamel ghaliex l-ewwel darba li ra l-vettura l-ohra kien wara l-habta – ara xhieda tal-konvenut a fol. 30 tal-process);

- Is-sinjali li wiehed jaghti jridu jsiru fil-hin u fil-lok opportun biex jistghu jkollhom l-effett taghhom (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs G. Sapiano** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali – Vol. XXIX.iv.558);

- Il-fatt li wiehed jixghel l-*indicator* ma jaghtihx xi dritt li jaghmel li jrid (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs J. Bartolo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali – Vol. XXXVIII.iv.868).

L-obbligu tal-konvenut ma kienx sempliciment li jixghel l-indicator, imma li jaccerta ruhu li dak is-sinjal setgha jiftiehem mit-traffiku gej minn wara. Jidher li l-konvenut ma hax dawn il-prekawzjonijiet meta gie biex ibiddel direzzjoni, u ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza.

6. Dwar il-quantum ta' danni rekalamati, dawn ma gewx kontestati u jinsabu sodisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-26 ta’ Ottubru 2000 gewwa Mdina Road, Qormi.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltija u disghajn centezmu (Lm223.90), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**